MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 500/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IVAN CILIA**
**KONTRA**

**ALEXANDER ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alexander Zammit ta’ 37sena, bin Eugenio u Pauline nee’ Mifsud, mwieled Pieta’ nhar l- 20 ta’ Lulju 1972, residenti 10/3, Gondola Court, Triq is- Simblija, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 324572M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' Novembru 2009 u fix- xhur ta' wara f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, fl-ezercizzju tad- dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni, b' firem foloz, jew b' tibdil fl- atti, fi skritturi, jew f' firem, jew billi dahhal isem ta' persuna mhux vera, jew b' kitba maghmula jew imnizzla f' registri jew f' atti pubblici ohra, wara li jkunu ga ffurmati jew maghluqa;

2) u aktar talli fl- istess dati, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

3) u aktar talli fl- istess data, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l- kariga jew l-impjieg tieghu, hu fid- dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta, jew ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4) u aktar talli fl- istess dati, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien impjegat mad-Dipartiment tal-Konsumatur jahdem fuq bazi "part-time", u kellu d-dover li jigbor

informazzjoni minn diversi hwienet f' lokalitajiet f' Malta sabiex isir kontroll fuqhom dwar il-prezzijiet li kienu qed izommu lill-membri tal-pubbliku. Dan l-ezercizzju kien jikkonsisti f'li l-imputat fizikament izur dawn il-hwienet u jzomm registru bl-informazzjoni relattiva ta' l-isem tal-hanut bl-indirizz korrett, u xi dettalji ohra bhal il-persuna responsabbli ghal dak il-hanut, in-numru tal-identita' tal-istess persuna, u xi rimarki ohra relevanti. Dan ir-registru, li kien jikkonsisti f'diversi formoli b'kaxxi vojta, kien jimtela bil-kitba bl-idejn, u kien sussegwentement jinghata lid-dipartiment sabiex tigi pprocessata l-informazzjoni hemmhekk migbura. Gara li waqt dan l-ipprocessar, id-dipartiment innota diversi diskrepanzi fuq dan ir-registru. Kien evidenti li tnizzlu ismijiet ta' hwienet li wara rrisultaw maghluqa, u mhux hekk biss, izda kien indikat li ghal dawk l-istess hwienet maghluqa kien hemm l-isem ta' persuna li allegatament iffirmat ghalihom. Gara ukoll li uhud mill-hwienet l-ohra, li ma kienux maghluqa, kellhom firem ta' persuni li suppost huma responsabbli ghall-hanut, li fil-fatt ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-istess hanut. S'intendi kien hemm ukoll informazzjoni fuq hwienet ohra li rrisultat korretta. Ghalhekk, in vista ta' dawn id-diversi diskrepanzi, u in vista li l-persuna responsabbli ghal dan ir-registru kien l-imputat, sar rapport lill-Pulizija fuq dawn il-fatti u wara li saret investigazzjoni minnhom, ittiehdu l-passi odjerni kontra l-imputat.

Mil-provi prodotti mil-Prosekuzzjoni, huwa minnu li dawn id-diskrepanzi jidhru fuq ir-registru in kwistjoni. Dwar dan ma hemm l-ebda dubju. Gew indikati l-partijiet fejn dawn id-diskrepanzi gew identifikati fid-diversi formoli fir-registru msemmi. Mix-xhieda prodotta mil-Prosekuzzjoni, kif ukoll mid-dokumenti esebiti, irrisulta li kien hemm 22 hanut li kellhom id-dettalji hziena, zewg hwienet li kienu ghalqu, sitt hwienet li ma jezistux, u tlitt hwienet ohra fejn l-ID tal-persuna jew ma tnizzilx jew ma kienx jintgharaf. Ghalhekk, il-Qorti trid tara issa kienx l-imputat li ghamel dawk l-entrati fir-registru in kwistjoni, u possibilment x'seta wasslu biex ghamel hekk.

Fil-fehma tal-Qorti, kien l-imputat biss li seta' ghamel dawk l-entrati fir-registru minghajr ma qaghad imur fil-

hwienet indikati. Huwa minnu li dan l-istess registru, hekk kif l-imputat ikun lesta minnu u gabar informazzjoni fuqu, kien jinghata lil ufficjali ohra fid-dipartiment sabiex dik l-istess informazzjoni tingabar u tigi pprocessata u ezaminata, u ghalhekk id-difiza argumentat li dawn il-formoli setghu gew mibdula minn terzi. Dawn l-ufficjali, izda, zgur li ma kellhom ebda interess li jdahhlu informazzjoni inesistenti fuq l-istess formoli. Ma jaghmel ebda sens li persuna li qed tittrasferixxi informazzjoni miktuba bl-idejn ghal fuq "computer data" izzid ix-xoghol ta' "data inputting" ghal xejn b'xejn. Inoltre, huwa evidenti ferm ukoll li dawn l-entrati hziena huma xi ftit jew wisq ilkoll migbura flimkien f'dan ir-registru, esebit fl-atti a fol. 26 *et seq.* tal-process u mmarkat bhala Dok IC 4. Mil-banda l-ohra, u ghalkemm ma rrisultatx mil-provi, l-uniku gwadann li seta' kellu l-imputat kien li jimla l-informazzjoni biex jiggustifika li jkun ghamel certu ammont ta' hin idur il-hwienet, meta jkun jista' minn flok jaghmel affarjiet ohra personali tieghu fil-hin tax-xoghol.

L-imputat kien jithallas salarju fiss mid-dipartiment, jaghmel kemm jaghmel inspezzjonijiet fi hwienet differenti f' gurnata, u ghalhekk dan il-qligh pekunjarju huwa kompletament eskluz mil-motivazzjoni li seta' kellu. Il-Qorti tara li l-uniku vantagg li seta' kellu hu li jkollu aktar hin 'liberu' minn flok joqghod idur il-hwienet. Huwa hafna aktar facli tnizzel ftit ismijiet ta' hwienet u ma tmurx taghmel spezzjoni fihom, u tiggwadanja l-hin. Di fatti, l-imputat in difesa ma seta' jaghti ebda spjegazzjoni kif dik l-informazzjoni giet fuq il-formoli li mela hu stess. L-anqas ma ta xi spjegazzjoni ohra fl-istqarrija tieghu, ukoll esebita a fol. 20 tal-process u mmarkata bhala Dok IC 2.

Din l-azzjoni tal-imputat tinkwadra perfettament fir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 179 tal-Kap 9. Id-dokument li kien qed izomm l-imputat huwa registru li fih tingabar informazzjoni li tintuza mid-dipartiment. Bhal dan ir-registru jezistu diversi ezempji ohra fis-settur tas-servizz pubbliku. Minghajr wisq dilungar fuq dan il-punt, il-Qorti stess tuza numru konsiderevoli ta' registri li lkoll jinzammu bil-kitba bl-idejn, u kollha huma atti pubblici. Ma tistax id-difiza targumenta b'success li d-dokument li kellu f'idejh l-

imputat ma kienx registru pubbliku u ufficjali. Is-semplici fatt li kien jinzamm bil-kitba bl-idejn ma jnaqqas xejn mil-ufficjalita' tieghu. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, ghalkemm ukoll jirrisultaw, l-azzjoni tal-imputat kienet wahda, u ghaldaqstant ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena ghal dawn l-imputazzjonijiet f'dik moghtija ghall-ewwel imputazzjoni.

Ghalhekk, kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra tkkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija sospiza, peress illi ma tarax li hemm l-estremi ghal piena ta' prigunerija effettiva. Madankollu, r-reat huwa wiehed serju. Kull ufficjal pubbliku ghandu jaghraf ir-responsabbilita' tieghu fil-qadi ta' dmirijietu, u jwettaq dak id-dmir minghajr l-ebda irregolarita'. Flimkien mal-piena, il-Qorti ser ikollha tordna l-interdizzjoni generali perpetwa fil-konfront tal-imputat, ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kap 9.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 179, 184, 185 (1), 186 u 189 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna l- interdizzjoni generali perpetwa tal-imputat ai terminu tal- Artikolu 190 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------